32005D0400

L 135/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 28.5.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-23 ta' Mejju 2005

## tal-ħatra ta' membru Estonjan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2005/400/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2002/758/KE, *Euratom* tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 tal-ħatra tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 (1),

Wara li kkunsidra n-nomina ta' kandidat preżentata mill-Gvern Estonjan,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

Sar vakanti post ta' membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali wara r-riżenja tas-Sur Kalev KREEGIPUU, li ġiet komunikata lill-Kummissjoni fit-3 ta' Settembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Is-Sur Kaul NURM huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew minflok is-Sur Kalev KREEGIPUU għall-perjodu li baqa' tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmula fi Brussel, 23 ta' Mejju 2005.

*Mill-Kunsill*
*Il-President*
J.-L. SCHILTZ

(1) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.